



Brussell, 24 ta' Frar 2023
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0039(COD)

6425/23
ADD 1

CODEC 189
ESPACE 5
RECH 45
COMPET 108
IND 53
EU-GNSS 8
TRANS 60
AVIATION 34
MAR 22
TELECOM 40
MI 113
CSC 77
CSCGNSS 2
CFSP/PESC 280
CSDP/PSDC 130

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislativ - Dikjarazzjonijiet

**Dikjarazzjoni politika konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
dwar il-finanzjament tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-
2027**

Il-Parlament Ewropew u l-Kunsill qablu, mingħajr preġudizzju għall-prerogattivi tal-awtorità baġitarja fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali, li l-finanzjament tal-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 ser jiġi kopert b'mod indikattiv fis-snin 2023-2027 kif ġej:

- EUR 200 miljun mill-marġini mhux allokat i mill-Intestatura 1 u l-Intestatura 5;
- EUR 1,450 miljun minn kontribuzzjonijiet mill-Intestatura 1, l-Intestatura 5 u l-Intestatura 6.

Dikjarazzjoni politika konġunta mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi diżimpenjati f'Orizzont Ewropa

Fid-Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-użu mill-ġdid ta' fondi diżimpenjati b'rabta mal-programm ta' riċerka¹, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li jergġhu jagħmlu disponibbli għall-benefiċċju tal-programm ta' riċerka approprijazzjonijiet ta' impenn, li jikkorrispondu għall-ammont sa EUR 0,5 biljun (fi prezzijiet tal-2018) fil-perjodu 2021-2027 ta' diżimpenji, li jirriżulta minn nuqqas totali jew parzjali ta' implimentazzjoni ta' proġetti li jappartjenu għall-Programm Qafas "Orizzont Ewropa" jew il-predeċessor tiegħu "Orizzont 2020"², kif previst fl-Artikolu 15(3) tar-Regolament Finanzjarju.

Fid-dikjarazzjoni³ dwar ir-Regolament (UE) 2021/695 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi Orizzont Ewropa - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, li jistabbilixxi r-regoli tiegħu għall-parteċipazzjoni u d-disseminazzjoni, u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1290/2013 u (UE) Nru 1291/2013(1), il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu dwar distribuzzjoni indikattiva ta' dak l-ammont li ser ikun sa EUR 300 000 000 fi prezzijiet kostanti tal-2018 għar-raggruppament "Diġitali, Industrija u Spazju" b'mod partikolari għar-riċerka kwantistika.

Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-awtorità baġitarja fil-qafas tal-proċedura baġitarja annwali u għas-setgħat tal-Kummissjoni li timplimenta l-baġit, **il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni** jaqblu li, fi ħdan ir-raggruppament "Diġitali, Industrija u Spazju" ta' Orizzont Ewropa, ser jiġi allokat ammont indikattiv ta' EUR 200 000 000 fi prezzijiet kostanti tal-2018 biex jiġu żgurati attivitajiet ta' riċerka dwar il-konnettività.

¹ ĠU C 444 I, 22.12.2020, p. 3.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 - il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

³ ĠU C 185/1, 12.5.2021, p. 1.